MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 15 ta' Dicembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Neville Mario Gafa**
**(K.I. Numru 182574M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Neville Mario Gafa** akkuzat talli fis-27 ta' Gunju 2020 ghall-habta ta' 10:30hrs ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer:

**1. ingurja jew hedded lil Sebastiano Scavo u/jew persuni ohra skont l-Artikolu 339 (e) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;**

**2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded lil Sebastiano Scavo li ser jaghmel xi reat u/jew persuni ohra skont l-Artikolu 49(a) tal-Kap 399 tal-ligijiet ta' Malta;**

**3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamel uzu iehor mhux xieraq bih skont l-Art49(c) tal-Kap 399 tal-ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semghet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta illi l-mertu ta' din il-kawza jemergi minn *tweet* li l-imputat ghamel fuq il-mezz socjali *Twitter* wara li fis-27 ta' Gunju 2020 l-organizzazzjoni *Alarm Phone* kitbet is-segwenti:

***"Last night, the 95 people that called us could have been rescued by @RescueMed, but were intercepted by Europe's Libyan allies.***
***The baby that was born at sea was returned to a warzone, together with 93 others.***

***Six people have died.***

***Europe, stop killing black lives at sea!"***

Ghal-liema *tweet* l-imputat wiegeb hekk:

***"You better stop your dirty business. Full support to the Libyan Coast Guard."***

Ghal-liema *tweet* Nello Scavo wiegeb:

***"dirty business, dirty oil, dirty agreement by governments. anything to say about this dirty ways?"***

Sussegwentement l-imputat wiegeb hekk:

***"Stop your dirty business. If not, we will be stopping you."***

Ghal-liema *tweet* Nello Scavo wiegeb:

***"we will stop"...Exactly, who is "we"?***

Wara dan l-iskambju kien hemm ghadd ta' *tweets* ohra minn terzi, fejn f'mument minnhom l-imputat kiteb ***"Faro` le mie argomentazioni al momento giusto e nel posto giusto."***

Illi **l-Assistent Kummissarju Kevin Farrugia** xehed illi l-Pulizija kienet irceviet informazzjoni kunfidenzjali minghand terz dwar it-*tweet* inkwistjoni. Ghalhekk il-Pulizija ghaddiet biex tippreserva l-istess *tweet* u fit-28 ta' Lulju 2020 huwa kiteb lil Sebastiano Scavo is-segwenti:-

***"Dear Mr. Scavo,***

***I refer to communication depicted in attachment. Should you wish to file complaint in relation to the matter, you are kindly invited to reply to the undersigned for further assistance."***

Ghal-liema emejl, fil-5 ta' Awwissu 2020, Sebastiano (Nello) Scavo kiteb lura lill-Assistent Kummissarju u kkopja lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fejn issottometta s-segwenti:

***"To Honorable***
***H.E. Carmel Vassallo***
***Ambassador of the Republic of Malta***
***At the Italian Republic***

***To Sir***
***Farrugia Kevin Joseph***
***Assistant Commissioner***
***Malta Police***
***….***

***Following your kind messages, I intend to make myself available to the police and judiciary authorities of Malta, for any clarification and investigation they may wish to carry out.***
***On my behalf and on behalf of Avvenire newspaper, we thank you for your in-depth work and for contacting us.***
***Should the investigation be followed by legal proceedings, both myself and the newspaper for which I work (Avvenire), we intend to participate at the trial in the manner permitted by Maltese law, as victim of crime and civil party.***
***In order to allow my rights in front of Court of Magistrates (Qorti tal-Magistrati), I ask you kindly to send me the reference number of judicial proceedings.***

***Remaining at your disposal for any further request, I immediately indicate as my lawyer Avv. Prof. Giulio Vasaturo: office in xxxx; telephone xxxx, certified mail xxxx.[1]***
***While waiting to hear from you, I would like to send you my most grateful greetings.***
***Sebastiano (Nello) Scavo "***

L-Assistent Kummissarju Farrugia irrispondih fis-6 ta' Awwissu 2020 bis-segwenti:-

***"Dear Mr. Scavo,***
***I am acknowledging your complaint,***
***I will also be sending your complaint to the police investigating officer, who will be providing necessary information.***
***I am in charge of the Police Cyber Crime Unit so my team will providing the investigating officer, with all the technical assistance.***
***Do not hesitate to contact me again for any assistance.***
***Thanks and best regards."***

**Sebastiano Scavo** xehed illi huwa kien gurnalist mal-gurnal Taljan Avvenire u bhala parti minn xoghlu kien qieghed isegwi s-sitwazzjoni migratorja fil-Mediterran. Jispjega illi huwa kien ghamel mistoqsija partikolari fuq *Twitter* lill-imputat u *cioe`* "Dirty business, dirty oil, dirty agreement by governments, anything to say about this dirty ways?" wara liema *tweet* l-imputat wiegeb "Stop your dirty business. If not we will be stopping you." Jispjega li huwa staqsa lill-imputat ghal min kien qed jirreferi meta qal "we" u l-imputat ma wegbux. Huwa stqarr illi l-kliem tal-imputat u n-nuqqas ta' risposta ghall-mistoqsija tieghu hasshom bhala theddida gravi.

Scavo spjega illi minn Ottubru 2019 huwa beda jinghata protezzjoni da parti tal-Pulizija Taljana. Jispjega wkoll illi wara l-incident in kwisjtoni, din il-protezzjoni giet konfermata wara li l-Presidenza tal-Kunsill Taljan ghamlet referenza ghal dan l-episodju.

In kontro-ezami x-xhud qal li ma kellux informazzjoni jekk gewx mibdija proceduri kriminali da parti tal-Pulizija Taljana Jispjega li hu ma ghamel l-ebda kwerela gewwa l-Italja dwar dan l-incident.

Illi l-Qorti rat il-filmat tal-interrogazzjoni tal-imputat li saret fis-6 ta' Awwissu 2020 fejn giet rilaxxata stqarrija, f'liema stqarrija qal illi huwa

[1] Dettalji personali mhux murija sabiex tigi salvagwardjata l-privatezza ta' terzi

kiteb il-kumment in dizamina fejn qal li l-kumment ma riedx jindirizzah lil Scavo izda lill-organizzazzjoni Alarm Phone, izda peress li Scavo kien lahaq wiegeb ghall-kumment precedenti tieghu, Scavo kien gie inkluz bhala r-recipjent tal-kumment. Jghid li huwa gej mill-politika, u li zgur qatt ma kellu xi intenzjoni li jaghmel xi hsara lil xi hadd. Jispjega li l-kumment tieghu kien fis-sens illi bhala pajjiz, u l-awtoritajiet li jahdem maghhom, se jaghmlu minn kollox biex izommu politikament l-immigrazzjoni illegali. Jghid li meta semma` l-frazi "dirty business" huwa kien qieghed jirreferi ghall-Alarm Phone ghaliex hu jaf x'jaghmlu. Jispjega li Scavo huwa gurnalist tal-gurnal Avvenire izda ma jifformax parti mill-Alarm Phone u li qatt ma ghamel kuntatt mieghu direttament, pero` jghid li Scavo ghamel akkuzi serji fil-konfront tieghu pero` qatt ma ha passi fil-konfront tal-istess Scavo. Eskluda li qatt kellu xi intenzjoni li jkun vjolenti fil-konfront ta' Scavo. Jispjega li hu wkoll ircieva ghadd kbir ta' theddid fil-konfront tieghu, pero` dan huwa kollox pubbliku u ma hassx li ghandu jipprocedi kontra min ghamel dan it-theddid. Huwa nsista li huwa dejjem tkellem b'mod politiku u mhux b'mod vjolenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat gie addebitat bi tlett (3) imputazzjonijiet li kollha jduru ma' element wiehed, u *cioe`*, jekk dak li kiteb l-imputat jammontax ghal theddida.

Illi Sebastiano Scavo essenzjalment stqarr illi huwa hassu mhedded bil-kliem "Stop your dirty business. If not we will be stopping you" u wkoll mill-fatt li meta staqsa lill-imputat ghal min kien qed jirreferi bil-kelma "we", l-imputat ma wigbux.

Il-Qorti taghmel referenza għas-sentenza ***Il-Pulizija vs Francis Frendo*** deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Gunju 2003, fejn il-Qorti nterpretat il-frazi "theddida" bħala *"biża t'aggressjoni futura u li biex ikun hemm tali theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor –xi forma ta' ħsara inġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Huwa veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi ndikat b'xi grad ta' preċiżjoni l-interess, ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid: "...e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'". Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva."*

Illi f'dan il-kaz, l-allegat theddid jirrizulta li sar permezz ta' *tweet* u allura l-imputat gie akkuzat ukoll ai termini tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, ***Il-Pulizija vs Mark Camilleri***, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2019, fejn intqal:

*"Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'użu ieħor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgħa nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2007' intqal:*

*"DR PETER GRECH: Bħalissa fil-liġi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief sub paragrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jiġifieri li wieħed juża apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorċi flus, iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.*

*DR PETER GRECH: Issa li ġara huwa* ***nqalgħet diffikultà fil-qorti dwar xi tfisser improper use.*** *Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone użajtu bħala telephone, qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk użajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bzonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niċċaraw x'ifisser improper use.* ***Tħalliet il-klawsola ġenerali "or makes any other improper use thereof" imma ġie iżjed speċifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jiġi projbit, li tuża apparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija.****" (enfasi talQorti)*

*Minn dan joħroġ illi l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-frażi "użu ieħor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe użu, jew kull ħaġa taħt il- kappa tax-xemx, magħduda kull offiża, insult jew kelma żejda, iżda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeċiti. Illi l-Eżekuttiv għażel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taħt il-kappa ta' "użu ieħor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrafu propost ma ngħatax il-barka mil-Leġislatur u ġie eliminat: "(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;" Illi n-nota fil-marġni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli tagħti sostenn għall-intepretazzjoni mogħtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-leġislatur: 'Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid.'*

Illi fil-fehma tal-Qorti ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huma ferm rilevanti. Dan qieghed jinghad ghaliex Sebastiano Scavo huwa gurnalist li kien qieghed isegwi l-kwistjoni tal-immigrazzjoni gewwa l-Mediterran u li rreagixxa ghal *tweet* tal-imputat li kien qieghed iwiegeb *tweet* ta' Alarm Phone. Illi Scavo indirizza lill-imputat bit-*tweet "dirty business, dirty oil, dirty agreement by governments. Anything to say about this dirty ways?"* Kien proprju wara dan it-*tweet* li l-imputat kiteb ir-risposta tieghu lil Scavo, Alarm Phone u RescueMed.

Illi l-*media* ħielsa, indipendenti u pluralistika, ibbażata fuq il-liberta' tal-informazzjoni u l-espressjoni, hi element krucjali ta' kull demokrazija li tiffunzjona. Il-liberta' tal-*media* hi fil-fatt essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Stejjer dwar diskriminazzjoni, korruzzjoni u l-użu ħażin tal-poter spiss jaraw id-dawl minħabba l-ħidma ta' ġurnalisti investigattivi. Dan ifisser illi l-gurnalisti ghandhom jithallew jaghmlu xogholhom minghajr biza' jew theddid. Madankollu, il-Qorti hija tal-fehma illi filwaqt li l-liberta` tal-espressjoni ta' kull persuna hija dritt fundamentali u sagrosant, din il-liberta` trid tigi rispettata minn kulhadd u li jekk wiehed jaghzel li jesprimi ruhu b'certu mod irid ikun lest li jaccetta li haddiehor jista' wkoll jesprimi ruhu bil-mod kif jahseb li hu xieraq u skont il-konvinzjonijiet tieghu, dan dejjem jekk il-kummenti tieghu ma jikkostitwixxux reat.

Illi huwa proprju dak li din il-Qorti giet mitluba li tezamina f'dan il-kaz, u *cioe`* jekk il-kummenti tal-imputat, jammontawx ghal theddid fil-konfront ta' Scavo jew ta' terzi.

L-imputat spjega fl-istqarrija tieghu illi b'dak li kiteb ma kellu l-ebda intenzjoni li jhedded lil hadd izda l-kumment kien biss wiehed politiku rigward l-immigrazzjoni llegali. Min-naha l-ohra Scavo stqarr li hassu bhala theddida. Madankollu Scavo ma spjega bl-ebda mod dwar kif hassu mhedded. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza citata iktar 'il fuq u *cioe`* ***Il-Pulizija vs Francis Frendo***, it-turbament li hass Scavo ried ikun wiehed oggettiv. Illi din il-Qorti fliet sew it-*tweets* li gew esebiti in atti minn fol. 35 sa 42 u ma jirrizulta l-ebda *tweet* ta' Scavo fejn *a tempo vergine* juri dan it-turbament. Lanqas ma jirrizulta illi Scavo fil-mument li l-imputat ghamel it-*tweet* tant hassu turbat li ghamel xi rapport mal-Pulizija Taljana dwar l-akkadut, wisq inqas mal-Pulizija Maltija. Kien biss wara li l-Pulizija Maltija giet ikkuntattjata minn terz li stiednet lil Scavo jaghmel kwerela, liema kwerela saret fil-5 ta' Awwissu 2020, u *cioe`* iktar minn xahar wara li sar it-*tweet* in kwistjoni.

Illi l-Qorti ssib dawn il-fatti xejn konvincenti. Jekk wiehed ihossu daqshekk mhedded u turbat ma jhallix lill-Pulizija tistiednu jaghmel kwerela biex jipprotegi lilu nnifsu. Illi l-provi mressqa milll-Prosekuzzjoni, fil-kaz odjern, riedu jikkonvincu lil din il-Qorti lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-imputat, meta kiteb it-*tweet* in kwisjtoni, kellu l-intenzjoni li jhedded lil Scavo, lil Alarm Phone u lil RescueMed. Apparti li l-ebda rapprezentant tal-Organizzazzjonijiet imsemmija ma tressqu bhala xhieda, ix-xhud imressaq mill-Prosekuzzjoni, u *cioe`* Scavo, bl-ebda mod ma spjega x'fehem bl-allegata theddida tal-imputat. Illi l-Qorti tosserva illi meta l-Pulizija giet a konoxxenza tal-fatti minn terzi, li kieku riedet tibda proceduri fil-konfront tal-imputat, hija setghet taghmel hekk *ex officio* ai termini tal-artikolu 51 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u ma kellha bzonn tal-ebda kwerela.

Illi, ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti ma gewx sodisfacentement ippruvati l-elementi kostituttivi tar-reat ta' theddid. L-ewwel u qabel kollox, kif gia inghad ma gietx ippruvata xi intenzjoni generika jew specifika li l-imputat kellu li jaghmel xi hsara lil Scavo jew terzi, u fit-tieni lok Scavo innifsu bl-ebda mod ma spjega b'liema mod huwa hassu mhedded. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat min-naha tieghu, ipprova fuq bazi ta' probabilita` li l-kumment tieghu ma kienx indirizzat bhala xi minaccja fil-konfront ta' Scavo jew terzi, izda kumment politiku fuq suggett li madwaru jduru diversi sentimenti kunfliggenti. Illi kif gia intqal iktar 'il fuq, Scavo ma ha l-ebda pass qabel gie kkuntattjat mill-Pulizija Maltija. L-esperjenza ta' din il-Qorti tghallem illi meta wiehed ihossu mhedded, specjalment gurnalist li kellu protezzjoni tal-Pulizija Taljana, immedjatament jirraporta l-akkadut u mhux jiccaqlaq ghax xi hadd jistiednu biex jiccaqlaq.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat bit-*tweet* tieghu tas-27 ta' Gunju 2020 bl-ebda mod ma ingurja jew hedded lil Sebastiano Scavo jew lil xi persuni ohra bir-rizultat li l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu ma gew sodisfacentement ippruvati.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi qieghdha tiddikjara lill-imputat Neville Mario Gafa mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur